# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Dicembru, 2001.**

**Numru 51**

**Citaz. Nru. 356/96**

**Carmel u Therese konjugi Tabone**

**vs**

**David u Rose konjugi Tabone**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. B'sentenza tat-30 ta' April 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet li l-konvenuti kienu qeghdin jokkupaw il-fond numru 110, Old Railway Track, Santa Venera, minghajr ebda titolu validu fil-ligi u li kienu qeghdin izommu c-cwievet ta' l-istess minghajr titolu u, ghalhekk gew ikkundannati jizgumbraw mill-fond imsemmi u jirritornaw ic-cwievet ta' l-istess fond lill-attur, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

2. Il-konvenuta Rose Tabone intavolat appell minn din is-sentenza fl-20 ta' Mejju 1999.

3. L-atturi appellati rrispondew ghal dan ir-rikors t'appell fis-16 ta' Gunju 1999.

4. Il-konvenut David Tabone – li kien baqa' kontumaci fl-ewwel istanza – wara diversi tentattivi u proceduri varji – gie notifikat bir-rikors ta' appell fit-12 ta' Gunju 2001 u dahhal risposta in data tal-5 ta' Lulju, 2001.

5. Illi fir-risposta tieghu, l-appellat konvenut David Tabone fl-ewwel lok eccepixxa d-dezerzjoni skond l-artikolu 963 tal-Kap 16.

6. B'verbal datat 9 ta' Ottubru 2001, l-appellanti permezz tal-legali taghha, ivverbalizzat li r-risposta tal-appellat David Tabone saret "fuori termine" u konsegwentement l-eccepita dezerzjoni kellha titqies li ma nghatatx u li din ma setghetx tigi sollevata f'din is-seduta billi mhux l-ewwel okkazjoni li fiha setghet titqajjem.

Minn naha l-ohra, il-legali tal-appellat David Tabone eccepixxa "d-dezerzjoni ghal kull buon fini f'din is-seduta, bla pregudizzju ghat-talba ta' l-isfilz".

7. Din id-decizjoni li ser tinghata hija cirkoskritta ghal dawn l-eccezzjonijiet/oggezzjonijiet ta' natura procedurali li gew hekk sollevati

mil-partijiet – eccetto l-atturi appellati – u m'humiex ghalissa relatati mal-meritu proprju tal-kawza.

## IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI

Dwar it-talba ta' l-apellanti ghall-isfilz tar-risposta ta' l-appell tal-konvenut David Tabone

8. Skond l-artiklu 144 (1) tal-Kap 12, ir-rikors ta' appell ghandu jigi nnotifikat lill-partijiet kollha, izda l-partijiet biss li kontra taghhom isir l-appell ghandhom fi zmien ghoxrin jum jipprezentaw it-twegiba li jkun fiha r-ragunijiet ghaliex l-appell ghandu jigi michud.

Fil-kaz prezenti l-appellanti hadet hsieb li tinnotifika lill-partijiet kollha u jidher ukoll li l-partijiet (i.e l-atturi) li kontra taghhom huwa dirett l-appell wiegbu ghalih entro ghoxrin jum. Taht dan l-aspett diga' hemm dubju kemm dan l-appell jista jitqies li mar dezert.

9. Ghal dak li jirrigwarda l-konvenut David Tabone – li tajjeb li jinghad li baqa' kontumaci fl-ewwel istanza – ma kienx u m'huwiex obbligat li jwiegeb entro ghoxrin jum. Anzi l-ligi tal-procedura hija usa u inqas rigida minn hekk vis-à-vis l-appellati ghaliex skond l-artiklu 146 (3) tal-Kap. 12, in-nuqqas ta' xi parti milli tipprezenta twegiba, jew risposta fit-termini stabbiliti, m'ghandhiex twaqqaf lil dik il-parti milli tidher quddiem, jew taghmel sottomissjonijiet lill-Qorti matul is-smiegh tal-appell. Inoltre jigi rilevat li fil-kaz in ezami l-konvenut David Tabone

mhux biss wiegeb bil-miktub imma "ghal kul buon fini" eccepixxa bil-fomm id-dezerzjoni.

10. Mis-suespost ghalhekk ghandu jirrizulta li (i) l-procedura ta' appell ma tistax tigi dikjarata dezerta in kwantu giet regolarment u validament diretta kontra l-atturi apellanti izda (ii) fl-istess waqt, lanqas jista' jigi ritenut li r-risposta bil-miktub da parti tal-konvenut saret "fuori termine" billi bil-konfront tieghu ma kienx hemm il-htiega li din ir-risposta kellha bilfors tidhol entro ghoxrin (20) jum min-notifika – ghax l-appell m'huwiex dirett kontra tieghu. In-notifika tieghu kienet biss mehtiega ghall-fini ta' l-integrita' tal-gudizzju u ghalhekk ifisser li t-talba ghall-isfilz ta' din in-nota qeghda tigi michuda.

<u>Dwar it-talba tal-konvenut David Tabone biex l-appell tal-konvenuta Rita Tabone jigi dikjarat dezert</u>

11. Illi, apparti dak li ntqal <u>supra</u>, din il-Qorti ghad jibqaghlha tirrizolvi u tiddeciedi x'inhija l-posizzjoni tal-konvenut David Tabone in kwantu dan issolleva l-eccezzjoni ta' dezerzjoni.

12. Illi ghalkemm jidher evidenti li bil-fatt li l-atti hadu aktar minn sena biex jigu maghluqa u li allura suppost jiskatta u jigi fis-sehh l-artiklu 963 (1) tal-Kap 12 – li jghid li f'kazi simili jkun hemm id-dezerzjoni - pero' ghandu jinghad ukoll li minbarra dan l-artiklu, hemm partijiet ohra fil-ligi tal-procedura li jimmilitaw <u>kontra</u> t-talba, jew ahjar l-eccezzjoni ta' dezerzjoni sollevata mill-konvenut. Hemm is-sub-artiklu (4) ta' l-artiklu

963 tal-Kap. 12 li jistipula wkoll li "… il-proceduri bil-miktub ghandhom jitqiesu maghluqa kemm-il darba l-parti li ma tkunx giet innotifikata b'att mehtieg ghall-gheluq tal-process, tidher waqt is-smiegh tal-kawza u ma taghtix l-eccezzjoni li l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa u tghaddi jew xjentement thalli lil haddiehor jghaddi ghal atti ohra bla ma taghti dik l-eccezzjoni". (sottolinear tal-Qorti)

13. Illi minn dak li xehed l-attur appellat Carmelo Tabone, li jigi missier il-konvenut David Tabone, jirrizulta li fiz-zmien meta l-konvenuta appellanti (mart David Tabone) kienet qeghda tipprova b'kull mezz tinnotifika lill-konvenut, dan il-konvenut kien gieli jabita u jorqod fl-istess dar tal-genituri tieghu, igifieri mal-atturi appellati. Din il-Qorti ghalhekk li ssibha ferm improbabbli li, fic-cirkostanzi, l-istess konvenut ma kienx edott b'din il-procedura ta' appell interposta mill-mara tieghu. Jekk wiehed imbaghad iqis il-mod evaziv ta' kif xehed l-attur appellat meta ssejjah appozitament mill-Qorti biex jixhed u jaghti taghrif dwar fejn kien joqghod sewwa sew ibnu (ara deposizzjoni in data tat-12 ta' Gunju 2001 a fol 28) l-element ta' mala fede jew kolluzjoni jkompli jizdied. Hemm ukoll il-volte face da parti tal-konvenut David Tabone li filwaqt li fl-ewwel istanza baqa' kontumaci – u li allura jfisser li kien qieghed jikkontesta t-talbiet attrici – issa f'dan l-appell qieghed jghid l-oppost u cioe' li s-sentenza appellata – li allura giet deciza kontra tieghu bhala ko-konvenut flimkien ma' martu – "hija gusta u timmerita li tigi konfermata". Kull parti ghandha d-dritt li tibdel il-posizzjoni legali

jew il-fehma taghha. Dak li pero' m'ghandhiex dritt ghalih huwa li tinqeda jew iddur mar-regoli tal-proceduri sabiex tiehu vantagg li jkun ingust u mhux lecitu. Huwa minnu li fin-normalita' ta' l-affarijiet, ir-regoli tal-procedura ghandhom jigu osservati u applikati ad unguem, imma fl-istess hin dawn m'ghandhomx iservu biex xi parti tiehu vantagg illecitu. Kif tajjeb gie ritenut minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta fid-decizjoni moghtija fil-5 ta' Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet "Catherine D'Amato vs Joseph D'Amato",

> "Bhal kull regola procedurali ohra, allura, id-disposizzjonijiet fir-rigward ta' dezerzjoni jehtieg li jigu osservati rigorozament u hu biss eccezzjonalment illi dawn il-provvedimenti, fejn jimportaw sanzjonijiet m'ghandhomx igibu applikazzjoni meta jkun jirrizulta car illi dawn kienu sejrin jikkozzaw mal-principju generali li jirregolaw is-smiegh xieraq u gust". (Koll Vol LXXXII-II-612)

Minbarra l-osservazzjonijiet gja maghmula supra li jixhtu ombra fuq l-agir jew operat tal-konvenut, jirrizulta f'kull kaz li fit-23 ta' Jannar 2001 huwa gie debitament notifikat permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. Din in-notifika saret konformement mad-digriet moghti minn din il-Qorti fit-12 ta' Jannar 2001. Ir-riferenza ghal notifika ulterjuri permezz ta' pubblikazzjoni addizzjonali fil-gazzetti lokali tissemma' ghall-ewwel darba fil-verbal sussegwenti tas-6 ta' Frar 2001. Dan ifisser li bejn id-data tat-23 ta' Jannar 2001 u s-6 ta' Frar 2001, il-konvenut naqas milli jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jikkontesta l-appell bl-eccezjoni ta' dezerzjoni. Minflok, huwa ghazel li jhalli l-proceduri

ghaddejjin. Difatti kien hemm seduta fis-6 ta' Frar, 2001, ohra fl-24 ta' April 2001, wara sehhet notifika personali – <u>bl-intervent ordnat mill-Qorti</u> ta' missier il-konvenut – fit-12 ta' Gunju 2001, sakemm il-konvenut sa fl-ahhar irreagixxa b'risposta oppozitorja fil-5 ta' Lulju 2001.

14. F'dawn ic-cirkostanzi l-inattivita' ripetuta tal-konvenut David Tabone ghal diversi seduti kienet tammonta ghal rinunzja. Dan apparti l-fatt li l-Qorti hija tal-fehma li ma setax ikun li fl-imsemmija cirkostanzi l-konvenut kien injar ghal dak kollu li kien jigri madwaru ad istanza ta' martu fil-konfront tal-genituri tieghu.

Illi ghalhekk it-talba ghall-fini ta' dezerzjoni qeghda tigi michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Filwaqt li <u>tichad</u> kemm it-talba ghall-isfilz tar-risposta ta' appell ipprezentata mill-konvenut David Tabone, kif ukoll it-talba ta' l-istess David Tabone biex l-appell jigi ddikjarat dezert u tordna ghalhekk l-prosegwiment tas-smiegh ta' l-appell fil-meritu – bl-ispejjez ta' dan il-provvediment rizervati sal-gudizzju finali.

Dep/Reg

cb